# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Daniel Galea**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Daniel Galea**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 232075M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fit-3 ta' Marzu 2013 għall-ħabta tal-10:00 ġewwa s-Siġġiewi bl-imġieba tiegħu ġab ruħu b'tali mod li kien ta' fastidju lil Karly Marilyn Cole meta kien jaf jew messu jkun jaf li dan kien ta fastidju għall-imsemmija persuna.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet il-provi prodotti;

***<u>Ikkunsidrat :</u>***

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tindika referenza ċara għal perjodu ta' żmien li fih seta' jiġi mwettaq il-*course of conduct* meħtieġ li

jiġi pruvat f'din it-tipoloġija ta' reati. Dan iwassal sabiex din il-Qorti ma tkunx tista' tqis li l-imputazzjoni hija legalment sostenibbli fil-konfront tal-imputat.

# ***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li inter alia rat l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum it-18 ta' Lulju 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***